**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 496/2019**

**Il-Pulizija**

**Vs**

***Omissis 1***

Illum, 28 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, *Omissis 1*, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 000000(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fit-8 ta' Awwissu 2019 u matul il-ġimghat, xhur u snin ta' qabel ġewwa f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Ikkommetta attentat vjolenti għal pudur ta' *Omisses 2* mwielda fl-1 ta' Lulju 2013 li tiġi in-neputija tiegħu meta hu kien tutur ta' l-imsemmija minuri għal xi zmien jew meta l-istess minuri ġiet fdata lilu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew izommha.
2. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta' u ċioe' *Omisses 2* mwielda fl-1 ta' Lulju 2013 li tiġi in-neputija tiegħu meta hu kien tutur ta' l-imsemmija minuri għal xi zmien jew meta l-istess minuri ġiet fdata lilu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew izommha.
3. Aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, b'għemil zieni, ikkorrompa lill *Omisses 2* mwielda fl-1 ta' Lulju 2013 li tiġi in-neputija tiegħu meta hu

kien tutur ta' l-imsemmija minuri għal xi zmien jew meta l-istess minuri ġiet fdata lilu sabiex jieħu ħsiebha, jedukaha, jgħallimha, jindukraha jew izommha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Ġunju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 201(a), 203(1)(a)(c), 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat *Omisses 1* ħati tal-akkużi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz għall-fini tat-tielet (3) akkuza u stante li l-ewwel (1) akkuza hija assorbita fit-tielet (3) akkuza ikkundannatu għal piena ta' erba' (4) snin priġunerija. Il-Qorti wkoll poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' sentejn (2), liema Ordni għandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza. Il-Qorti, spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet lill-imputat, jekk din l-ordni ma tiġix obduta. Finalment u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li isem l-imputat jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement ordnat kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati għall-annotazzjoni neċessarja

Rat ir-rikors tal-appellant *Omisses 1*, ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena, u fi kwalunkwe każ tibdilha dwar il-piena billi tagħti waħda li aktar tagħmel għall-każ.

Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 6 ta' Diċembru 2024.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat iċ-ċertifikat mediku u d-dokument tal-ECG ppreżentati mill-appellant immarkati rispettivament bħala Dok. FD1 u FD2.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, f'dan l-istadju ta' reviżjoni l-appellant jqanqal il-kwistjoni dwar l-inammissibbilita' ta'l-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija meta jilmenta li din ma ttieħditx skond il-liġi u dana għaliex jisħaq illi ma kienx mogħti l-assistenza legali meħtieġa. Għalhekk jitlob lil din il-Qorti twarrabha meta tiġi biex tqies l-aggravju minnu imqanqal dwar l-apprezzament tal-provi.

Illi, it-tqanqil ta' din il-kwistjoni marbuta mal-inammissibilita' ta' evidenza tfaċċat biss issa fi stadju ta' reviżjoni billi minn eżami tal-Atti Proċesswali ma jidhirx illi quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant ikkontesta il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz tal-istqarrijiet rilaxxati minnu lill-interrogaturi. Illi lanqas imbagħad fl-aggravju minnu imressqa dwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti ma jidher illi dak minnu mistqarr f'dawn l-istqarrijiet qed jkun ikkontestat. L-appellant fil-fatt rrilaxxa żewġ stqarrijiet lill-Pulizija u dana nhar id-9 t'Awwissu 2019 u fl-10 t'Awwissu 2019 rispettivament. Illi allura f'dak iż-żmien kien jifforma parti mid-dritt penali proċedurali d-dritt li s-suspettat ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u dan wara l-emendi ntrodotti permezz ta' l-Att LI tal-2016, f'Novembru tas-sena 2016.

Illi, fl-istqarrija rilaxxata minnu datata 9 t'Awwissu 2019, l-appellant ikkonferma li ingħatatlu l-ittra tad-drittijiet, liema ittra tad-drittijiet ġiet anke ppreżentata in atti, fejn fost oħrajn kien infurmat illi "**għandek id-dritt li jkollok l-avukat tiegħek prezenti u jipparteċipa b'mod effettiv waqt li tkun qed tiġi interrogat**". *In oltre*, fil-bidu ta' din l-istess stqarrija l-appellant jikkonferma li hu kien ikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu u li kien anke ġie mgħarraf bid-dritt tiegħu għas-silenzju.

Illi, dan juri biċ-ċar li l-appellant ngħata l-fakultà li jkun assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu **<u>waqt</u>** l-interrogazzjoni, kif kien lilu mfisser fil-karta tad-drittijiet li ngħatatlu u anke mill-interrogatur innifsu. Illi anke jekk *gratia argomenti* il-Qorti kellha tqis illi l-appellant b'xi mod ma kienx lilu mfiehem sew id-drittijiet tiegħu jidher madanakollu illi huwa ċempel lill-avukat tiegħu u allura seta' kiseb il-parir mixtieq, inkluż li l-avukat seta' jkun miegħu waqt l-istqarrija. Huwa ndubitat illi, fir-rigward

ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kumissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet, ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa '*pre-trial*', miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt, għandhom jiġu skartati billi huma nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju.

Illi, huwa indubitat ukoll illi l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellant ittieħdu skont il-liġi. *In oltre*, l-Qorti tinnota li meta rrilaxxa tali stqarrijiet, l-appellant kellu 72 sena u kien ukoll wieġeb fit-tul għall-mistoqsijiet lilu magħmula mill-interrogaturi, u dana wara li kien kellem lill-legali tiegħu. Saħansitra l-appellant kien għażel ukoll li jixhed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn allura kellu kull opportunita' jikkontesta il-mod kif irrilaxxa dawn l-istqarrijiet, ħaġa li baqa' ma għamilx. Fuq kollox fl-istqarrijiet tiegħu l-appellant fl-ebda ħin ma jammetti l-ħtija u anzi jipprova jiskolpa lilu nnifsu mill-akkużi li kienu qed isiru fil-konfront tiegħu, kif jerġa' jagħmel meta jiddeponi fil-Qorti.

Magħdud dan kollu, il-Qorti għalhekk hija tal-fehma li l-istqarrijiet ta' l-appellant ittieħdu skond il-Liġi u għaldaqstant l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, it-tieni aggravju mressaq mill-appellant jikkonċerna l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Huwa jisħaq, fost affarijiet oħrajn, li l-minuri ma kinitx kredibbli fil-verżjoni tal-fatti u inoltre jilmenta illi l-Ewwel Qorti skartat l-provi miġjuba minnu li kienu jiskolpawh, fosthom l-inċident meta kienet il-minuri stess li daħlet fuqu waqt li kien fil-kamra tal-banju, il-fatt illi r-residenza tiegħu u ta' martu kienet aċċessibbli b'mod liberu għal kulħadd u għalhekk kieku seħħew l-atti inkriminatorji lilu addossati kien jinqabad, u finalment jilmenta illi l-Ewwel Qorti skartat il-prova minnu mressqa li hu kien impotenti. Kif jilmenta ukoll li l-Ewwel Qorti warrbet għal kollox ix-xiehda tiegħu u ta' martu.

Illi iddeċidiet hekk l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha meta tat affidament lill-minuri u mhux lil verżjoni tal-fatti rakkontati mill-appellant:

> **"Illi a rigward il-fatti li qalet it-tifla, ugwalment din il-Qorti kif presjeduta m'ghandhiex dubju li l-fatti li rrakkontat il-minuri huma veritjieri u dan ghaliex kienu mghammra minn fatti u spjegazzjonijiet dettaljati u konsistenti li bdew minn meta qalet dawn il-fatti meta kienu Sqallija sakemm ma dehret il-Qorti. Fil-fatt meta l-minuri giet mistoqsija fuq l-allegat incident tax-shower, din baqghet teskludi li kien hemm dan l-incident, xi haga li tkompli tikkorrabora l-konvinzjoni ta' din il-Qorti li tali storja kienet ivvintata mill-imputat. Illi ghalkemm il-minuri ma setghetx telabora u tkun akkurata fuq l-aspett temporali ta' meta gew kommessi dawn ir-reati, però ugwalment din il-Qorti setghet tasal ghal konvinzjoni illi dawn saru fil-perjodu msemmi fl-akkuza. Dan gie korroborat mit-testimonjanzi tal-genituri tal-minuri kif ukoll tal-ghalliema taghha li wkoll xehdu fuq il-komportament erratiku u esegerat tal-minuri li jkollha holm ikrah bil-lejl u l-fatt illi kienet tikbi hafna b'mod mhux normali meta hija kienet fl-ewwel snin tal-iskola.**
>
> **Illi di piu' d-difiza ma gabet l-ebda prova sabiex ixxejjen din il-verzjoni tat-tifla. Ix-xhieda prodotti mid-difiza ma ghamlu xejn minn dan. Minflok sar tentattiv grossolan sabiex tiskredita lill-minuri bhala persuna li tali tentattiv kien rizultat ta' xhieda kontradittorji ghall-ahhar u biex aktar jikkonvincu l-Qorti mill-genwinità tal-minuri.**
>
> **Illi d-difiza naqset ukoll milli tkompli telabora fuq l-istat fiziku tal-imputat li ma setax ikollu erezzjoni ghal numru ta' snin stante li din qisha giet migjuba bhala xi forma ta' difiza. Ghalkemm kif intqal minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza bl-ismijiet Sp. John Spiteri v. Claudio Perossa tali kondizzjoni fizika ma biddlet xejn ghall-ezitu finali tal-kolpevolezza tal-imputat, xorta wahda d-difiza kellha l-obbligu li mhux biss tfajjar allegazzjonijiet izda li tohloq dubju ragjonevoli li dak li kienet qalet il-minuri ma kienx mis-sewwa. Izda dan ma sarx!**

Illi, dawn il-każijiet ta' allegat abbuż sesswali huma każijiet li spiss jippreżentaw quddiem il-qorti żewġ verżjonijiet li jkunu opposti għal xulxin bil-vittma tallega li seħħ l-abbuż mill-perpetratur, filwaqt li l-ġudikabbli jiċħad illi dan l-abbuż seħħ u allura jipprova ipoġġi f'dubbju l-verżjoni tal-vittma. Il-każ imbagħad jkun iktar kumpless meta l-vittma tkun għada ta' eta' tenera. Issa minn eżami tal-atti jidher li kienu l-ġenituri tal-minuri, *Omissis 3* u *Omissis 4* li rrapurtaw lill-pulizija li binthom *Omissis 2* kellha inkontri ta' natura sesswali man-nannu tagħha *Omissis 1* fir-residenza tiegħu, u dana kontra l-volontà tagħha. Illi, *Omissis 2*, li twieldet nhar l-1 ta' Lulju 2013,

xehdet quddiem l-Ewwel Qorti, assistita mill-Psikologa Carmen Sammut, meta rrakkontat illi ftit taż-żmien qabel kienet marret btala flimkien mal-ġenituri tagħha, ma' ħuha, maz-ziju *Omissis 5*, iz-zija *Omissis 6*, il-kuġini *Omissis 7* u *Omissis 8* u n-*Omissis 9* u *Omissis 1*, u waqt din l-btala kienet avviċinat lil missierha u qaltlu li kellha sigriet x'tirrakkontalu. Qerret miegħu li "**in-nannu kien qed jurini d-duda u jiena kont ngħidlu le għatti minn hemm**". Spjegat li dan kien jiġri fid-dar tan-nannu, u ċioe' l-appellant, fil-kċina, meta kienu jkunu weħidhom u li hu kien jagħmel idejh mal-parti privata tiegħu u jgħidilha; "**Ejja nagħmlu ċ-ċuċċu mad-duda**", iżda hi kienet tirrifjuta u tersaq 'il bogħod minnu. Spjegat ukoll li kien jgħidilha sabiex jagħmlu hekk "**biex joħroġ il-ħalib mid-duda**". Xehdet ukoll li l-appellant ġieli messha fil-parti privata tagħha u kien inizzlilha s-*shorts* u l-indumenti ta' taħt biex jagħmel dawn l-atti libidinużi. Finalment stqarret li dawn l-abbużi sesswali mill-appellant fuqha seħħew madwar għaxar darbiet u mbagħad waqfu.

Omm il-minuri *Omissis 3* tikkonferma illi l-minuri kienet svelat dawn il-fatti xokkanti waqt li kienu fuq din il-btala mal-familja. Xehdet li lil bintha staqsitha diversi drabi sabiex tikkonferma il-veraċita' ta' dak minnha mistqarr, iżda t-tifla dejjem baqgħet issostni li dak minnha rakkontat kien realment seħħ. Sussegwentement il-ġenituri rrapurtaw dan l-allegat abbuż lill-Aġenzija Appoġġ u lill-Pulizija. Xehdet ukoll li bintha, meta kellha bejn erbgħa u ħames snin kienet tqum tgħajjat u twerżaq bil-lejl u tinsisti li trid torqod ħdejha. Tirrakkonta li l-minuri kienet bdiet tmur l-iskola imdejjqa u kienet tibki ħafna, fatt ikkonfermat ukoll mis-Surmast tal-iskola fejn kienet tattendi l-minuri. Dawn il-fatti jiġu ukoll ikkonfermati minn missier il-minuri fix-xiehda tiegħu. Imbagħad iz-zija tal-minuri *Omissis 6* xehdet ukoll fejn stqarret li waqt btala li kellhom flimkien, semgħet lin-neputija tagħha tgħid diskors lill-ommha u lill-missierha fis-sens "**joqgħod jurihieli u ngħid biex ma ngħidx imma jien xorta ngħidilkom**", pero' ma kinitx fehmet dwar xhiex kienu qed jitkellmu.

Illi, xehdet ukoll *Omissis 10*, in-nanna materna tal-minuri li rrakkontat illi l-imsemmija minuri kienet ukoll fetħet qalbha magħha u rrakkontatilha illi kienet damet biex titkellem dwar dak li kien ġralha għax kienet imbeżża' mill-Pulizija u anke minħabba li l-appellant kien jgħidilha li dan kollu kien sigriet. Irrakkontat ukoll episodju li kien

ġara lejliet is-safra li fiha il-minuri kienet żvelat dak li kien seħħ. F'din l-okkażjoni hija kienet sabet lill-minuri fil-kumpanija ta'l-appellant u kif ratha "**bdiet tibki, ġiet tiġri fuqi, tgħannaqni, tgħafasni biex qisu xi ħadd jekk irid jiġbidha xi ħadd ma tistax**".

Illi, kif ingħad, l-appellant rrilaxxa żewġ stqarrijiet lill-Pulizija, l-ewwel waħda datata 9 t'Awwissu 2019 meta huwa nnega l-allegazzjonijiet kollha magħmula minn-neputija tiegħu u jisħaq li kienu ilu sentejn inkapaċi li jkolli erezjoni. Jgħid li:

> "**It-tifla għandha naqra, e, kif jgħidu, tħobb naqra tigdeb kull tant għax anke jkollha kwistjonijiet mal-kuġini tagħha, dejjem tipprova tieħu tagħha għax trid tgħid kollox ukoll, it-tifla ġiegħli gidbet ukoll, mhux qed ngħid jiġifieri qed nakkuzaha imma ġiegħli gidbet, it-tifla tħobb tigdeb ukoll, ta tifla li hija**".

Jammetti iżda li jista' kien hemm xi okkażjonijiet meta mar jgħarrax lit-tifla u laqtilha l-parti privata tagħha meta jirrakkonta hekk;

> "**Ġiegħli forsi nizzilt naqra idi zzejjed 'isfel ... imma mhux fuq il-laħam jew hekk ta'**".

Ikompli jgħid li meta kien jagħmel hekk, it-tifla kienet toqgħod tidħaq u jispjega *verbatim*: –

> "**Le, ifhimni meta ngħidu naqbdilha l-parti tagħha mhux ħa naqbad, just, just hekk kemm ngħaraxxa u nibqa' sejjer ta' iġifieri, nagħmlilha hawn per ezempju, ma nafx x'tgħid hi, paċoċċi jew x'tgħid ... u taqbad tidħak u jien nibqa' sejjer imbagħad jew hekk**".

Fl-aħħarnett irrakonta episodju fejn hu kien daħal jinħasel u l-mara tiegħu kienet mimduda tistrieħ kważi ħdejn il-bieb tal-kamra tal-banju. Jgħid li t-tifla kienet daħlet fuqu u qabditlu l-virga maskili tiegħu. Jgħid li dak il-ħin indunat martu u tatha daqqa fuq idha u ħarġitha 'l barra. Jgħid ukoll li t-tifla kienet taqbad u tinża' l-qalziet ta' taħt u toqgħod għarwiena meta tmur għandhom.

Illi, mbagħad fl-istqarrija datata 10 t'Awwissu 2019, l-appellant iżid biċċa ma' dak rakkontat dwar l-episodju tal-kamra tal-banju meta jgħid li lill martu kien qalilha dan id-diskors:

> "**Mer naħseb din it-tifla la tikber ħa tkun nittiena għax anke ġiegħli kienet taqbadli z-zip hekk biex tnizziluli u kont ngħidilha ejj, ejj qed tifhimni? U qaltli, u qaltli jekk tkun taf omma, għidtilha mhux tfal**".

Ikompli jgħid li għalih dawn kienu "**fantasiji tat-tfal**". L-appellant qal ukoll li ġieli kif kien ikun għaddej minn ħdejn il-minuri, kien jaqbdilha l-parti privata tagħha u jgħidilha "**iċ-ċuċċu**" biex jinbixha. Jgħid li kien jgħarraxha hemm imma għalih ma kien qed jagħmel xejn ħażin madanakollu jikkonferma li lilha biss kien jagħmel hekk minn neputijiet kollha. Jgħid ukoll li l-minuri kienet tħobb tgħidlu "**id-duda, ħa nara d-duda**" u li darba anke qattatlu z-żipp. Fl-aħħarnett l-appellant iwaħħal f'omm il-minuri li għawwietha kontrih.

Illi, l-appellant għażel ukoll li jixhed quddiem l-Ewwel Qorti fejn bażikament ikkonċentra fuq l-episodju meta il-minuri daħħlet fuqu waqt li kien qed jinħasel fil-kamra tal-banju, kif jirrakkonta fl-istqarrija tiegħu, u jagħti verżjoni differenti biss dwar il-fatt li dan l-episodju kien seħħ meta martu kienet marret barra taqla' l-ħwejjeġ, kif ikkonfermat ukoll *Omissis 9*, mart l-appellant, meta xehdet. Madanakollu *Omissis 9* ikkonfermat ukoll li meta l-minuri kienet tkun mal-appellant, hija mhux dejjem kienet tkun magħhom.

**Ikkunsidrat:**

Illi, huwa ċar li f'dan il-każ, l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet tal-fatti dijametrikament opposti ta' xulxin, fejn madanakollu kellha l-assistenza ta' psikologa waqt id-depożizzjoni tal-minuri tenut kont tal-età tenera tagħha sabiex b'hekk kellha konferma illi l-minuri kienet fehmet li kellha tirrakkonta il-verità. Illi, f'dan ix-xenarju probatorju, kif ingħad, l-Ewwel Qorti għoġobha tagħti affidament lil verżjoni tal-minuri. Issa huwa evidenti minn eżami tal-atti illi l-minuri kienet konsistenti dejjem fir-rigward tar-rakkont tagħha dwar dak li kien igħamlilha l-appellant, u dan kemm meta tkellmet mal-ġenituri tagħha, kemm meta tkellmet man-nanna materna tagħha, kif ukoll meta tkellmet mal-Pulizija u finalment meta imbagħad xehdet quddiem l-Ewwel Qorti. Dejjem irrakkontat l-istess fatti u ma żiedet u naqqset xejn mir-rakkont tagħha u saħansitra qalet li l-appellant kien waqaf b'dan l-aġir fil-konfront tagħha. U allura l-kritika mqanqla mid-Difiża illi matul ix-xiehda tagħha il-minuri kienet xprunata biex twieġeb għall-mistoqsijiet mill-psikologa Carmen Sammut li kienet qed tassistieha hija għal kollox infondata.

Minn naħa l-oħra, l-appellant xejn ma kien kredibbli fil-verżjoni tal-fatti minnu rakkontata kemm fl-istqarrijiet minnu rilaxxati lill-pulizija u anke fid-depożizzjoni tiegħu fil-Qorti. Jibda biex jinnega kollox, iżda imbagħad ftit ftit, jibda jżid mar-rakkont u jipprova jipperfezjona l-istorja tiegħu sabiex jitfa' l-ħtija fuq il-minuri dwar ċertu kunfidenzi li kien jippermetti fl-imġieba tiegħu lejha. Jammetti li kien 'jgħarraxx' lill-minuri u b'din l-azzjoni jolqotha fil-parti privata tagħha, imma mbagħad jisħaq li din kienet tigdeb ħafna. Jgħid li din it-tifla kienet prekoċi fil-ġibdiet sesswali tagħha u li kienet kważi ossessjonata bil-parti privata tiegħu, tant li f'okkażjoni partikolari saħansitra ppruvat tqaċċatlu ż-żipp tas-*shorts* li kien liebes biex ikollha aċċess għal dak li allegatament kienet tixtieq. Ukoll, sabiex jipprova jikkonsolida din l-immaġini ta' tifla "nittiena", kif iddeskriviha hu, jirrakonta l-istorja tal-kamra tal-banju fejn din ċ-ċkejkna allegatament daħlet fix-*shower* miegħu u qabditlu l-parti privata tiegħu. Għalkemm dwar dan l-episodju xehdet ukoll mart l-appellant, din l-Qorti hija tal-fehma li l-mod kif l-appellant jikkontendi li seħħet din il-viċenda xejn ma hi verosimili. Jibda' biex jingħad li fl-ewwel verżjoni tiegħu l-appellant jgħid li martu kienet rieqda barra l-bieb u għalhekk ma ndunatx li l-minuri kienet daħlet ħdejh, filwaqt li fil-verżjoni li jirrakkonta fil-qorti jpoġġi lil martu barra tiġbor xi ħwejjeġ li kienu minxurin. *In oltre*, jgħid li hu ma ndunax li l-minuri kienet daħlet ħdejh fix-*shower* għalkemm mir-ritratti eżebiti fl-atti, li juru dawn l-ambjenti, jidher li din il-kamra kienet waħda piuttost żgħira. Pero' jisħaq li la sema' l-bieb tal-kamra jinfetaħ, la sema' l-ħġieġa tax-*shower* titressaq u lanqas sema' jew ħass lill-minuri tidħol fix-*shower* ma ġenbu sakemm din qabditlu l-parti privata tiegħu. Rakkont għal kollox inverosimili meta wieħed jara ir-ritratti eżebiti a fol.279 u 280 tal-atti. Illi fuq kollox mill-verżjoni tal-fatti kif rakkontati mill-appellant jidher illi fl-imġieba tiegħu lejn il-minuri kien hemm ċertu kunfidenzi li, f'relazzjoni bejn in-nannu u n-neputija tiegħu ma humiex aċċettabbli u xierqa, fosthom li meta jgħaraxha imissilha il-parti privata tagħha, li kien jippermettielha tilgħab maż-żipp tal-qalżiet tiegħu, u jippermetti ċertu ċajt ukoll dwar l-partijiet intimi tal-minuri. U allura l-Qorti iktar tikkonvinċi ruħha illi dawn il-kunfidenzi kienu ta' pjaċir għalih tant illi huwa verosimili dak li tirrakkonta l-minuri illi realment kienu jseħħu it-tokkamenti lilbidinużi minnha rakkontati.

Illi, ukoll l-appellant jintenta jressaq difiża oħra fejn jikkontendi li ilu sentejn ma jkollu erezjoni (għalkemm martu tgħid li kien ilu sitt snin). Din l-Qorti hija tal-fehma li din il-kundizzjoni marbuta mal-kapaċita' sesswali tiegħu ma ixejjinx ir-rakkont tal-minuri dwar it-tokkamenti li kienu qed isiru mill-appellant u li kien jistieden lil minuri biex tagħmel fuqu. Il-Qorti tinnota ukoll li minkejja li l-appellant jisħaq li għandu dan l-impediment fiżiku, qatt ma ressaq ebda prova sabiex jissostanzjaw din l-allegazzjoni għalkemm kellu kull opportunita' li jagħmel dan quddiem l-Ewwel Qorti, sabiex b'hekk ma jirnexxielux jilħaq il-grad ta' prova minnu mistennija sabiex jeżimi ruħu mir-responsabbiltà penali.

Illi, premess dan kollu, din l-Qorti tinsab moralment konvinta bil-ħtija tal-appellant u li allura l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi prodotti quddiemha u li s-sejbien ta' ħtija tal-appellant kien wieħed legalment u raġonevolment validu. Għalhekk anke dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata fejn l-appellant jilmenta illi din kienet waħda eċċessiva tenut ukoll kont ta'l-eta' u l-kundizzjoni tas-saħħa tiegħu.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi Qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tindaħalx fid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti ma kenitx waħda ikkontempalat fil-liġi, jew li kienet manifestament eċċessiva[1].

Illi, huwa indubitat illi l-piena erogata fil-konfront tal-appellant ta' erba' snin priġunerija hija waħda li hija fil-parametri tal-liġi, tenut kont illi r-reat huwa aggravat fit-termini ta'l-artikolu 202 tal-Kodiċi Kriminali. Illi mbagħad, għalkemm bl-emendi introdotti fil-liġi wara l-kummissjoni tar-reati kien hemm awment fil-pieni, l-Ewwel Qorti applikat dik il-piena l-iktar favorevoli għall-appellant.

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiża nhar il-25 ta' Awissu 2005.

Illi, finalment għalkemm l-appellant jipprova jikseb skont fil-piena erogata fil-konfront tiegħu minħabba l-età u l-kundizzjoni ta' saħħa tiegħu, l-Qorti ma tqisx illi, tenut kont tas-serjetà tar-reat fejn l-paċi u l-istabbilita' li għandha tirrenja fil-familja ġiet skossa b'mod gravi mill-appellant bl-abbuż minnu ipperpetrat fuq il-minuri, bint it-tifel tiegħu, dawn il-fatturi li huwa jressaq għal klemenza tal-Qorti jistgħu jintitolawh għal xi benefiċċju. Għaldaqstant, il-piena mposta fuq l-appellant kienet waħda meritata u li tirrifletti ċ-ċirkostanzi tal-każ u għalhekk dan l-aħħar aggravju tal-appellant ukoll qed jiġi respint.

**Għaldaqstant, għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Tenut kont illi dan il-każ jittratta relazzjonijiet bejn membri tal-familja u għal protezzjoni tal-minuri, tordna divjet fil-publikazzjoni fil-gazzetti lokali, kif ukoll fuq il-mezzi ta' xandir u anke fuq siti elettroniċi, ta' isem il-minuri, kif ukoll ta' isem l-appellant u tal-membri tal-familja li xehdu f'dawn il-proċeduri.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**